MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA) BHALA QORTI ISTRUTTORJA

## MAGISTRAT DR. GIOVANNI GRIXTI

Seduta tat-22 ta' Marzu, 2006

Numru. 771/2003

**Il-Pulizija**
**(Spettur Mario Bonello)**

**vs**

**C ALCIDONIO BILOCCA**
**ANGELO BILOCCA**
**IVAN BILOCCA**

Il-Qorti;

Rat l-imputazzjoni migjuba kontra:
**Calcidonioio Bilocca** ta' 47 sena, bin Emanuel u Salvina *nee'* Micallef, imwieled Marsa, fis-16 ta' Settembru, 1956 u residenti 'Santa Rita Farmhouse' Sqaq l-Istalel, Marsa, u detentur tal-karta tal-identita' numru 604056M;
**Angelo Bilocca** ta' 24 sena, bin Calcodonio u Rita *nee'* Portelli, imwieled Pieta, fl-4 ta' Novembru, 1978 u

residenti 71, Triq Joseph Abela Salerno, Hamrun, u detentur tal-karta tal-identita' numru 556978M;
**Ivan Bilocca** ta' 23 sena, bin Calcodonio u Rita *nee'* Portelli, imwieled Pieta, fis-17 ta' Settembru, 1981 u residenti 78, Triq Azzopardi, Marsa, u detentur tal-karta tal-identita' numru 514781M;

Talli fil-11 ta' Settembru, 2003, ghal-habta tal-4:00ta' wara nofsinhar fil-Marsa hebbejtu ghal Joseph Axisa w kkagunajtlu griehi ta' natura hafifa skond kif iccertifika Dr. Mehwani M.D. mic-Centru tas-Sahha ta' Rahal il-Gdid;

Talli fl-istess zmien, hin, lok u cirkostanzi, volontarjament hassartu, ghamiltu hsara jew gharraqtu hwejjeg haddiehor mobbli jew immobbli, liema hsara hija izjed minn hames mitt lira Maltin ghad-detriment ta' Joseph Axisa u Shaun Axisa;

Talli fl-istess zmien, hin, lok u cirkostanzi, volontarjament ksirtu l-bon ordni u l-paci pubblika b'ghajjat u glied jew b'xi mod iehor;

Talli fl-istess zmien, hin, lok u cirkostanzi, hebbejtu kontra Joseph Axisa sabiex tingurjawh, iddejqquh jew taghmlu hsara lil din il-persuna;
Talli fl-istess zmien, hin, lok u cirkostanzi, ghidtu kliem oxxen u fahxi li jikkonsisti f'dagha fil-pubbliku ;

Talli fl-istess zmien, hin, lok u cirkostanzi, **Angelo Bilocca wahda** kellu fil-pussess tieghu strument li jaqta u bil-ponta minghajr licenzja minghand il-Kummissarju tal-Pulizija;

Talli fl-istess zmien, hin, lok u cirkostanzi, **Calcidonioio Bilocca** wahdu ghamel atti oxxeni fil-pubbliku;

Il-Qorti hja mitluba illi minn barra li tapplika l-piena skond il-Ligi biex tipprovdi ghas-sigurta ta' Joseph Axisa u l-familja tieghu torbot lill-imsemmija ahwa Anglo u Ivan Bilocca u lil missierhom b'obbligazzjoni taghhom infushom taht penali li l-Onorabbli Qorti jidhrilha xierqa;

Rat il-kunses tal-avukat generali u n-nuqqas ta' oggezzjoni tal-imputati sabiex il-kaz kontra taghhom ikun trattat u deciz bil-procedura sommarja;

Semghet il-provi;

Ikkunsidrat:

Illi din il-kawza kienet istitwita fuq istanza ta' Joseph Axisa wara li allegatament qala xeba mill-imputati u sofra hsara fuq il-vann tieghu mill-istess. Huwa spjega illi dan inhar tal-incident kien ghadu kemm wassal lill-vet fuq il-post u sakemm dan nizel mill-karozza tfaccat mara u talbitu jressaq il-vann ghax riedet tidhol u wiegeb li kien ser idum minuta izda ema hafna twerziq ta' roti. Hin minnhom ra trakk li rriversja go fih u waqaf pied u nofs 'l boghod. Hu spjega illi ma setax jimxi 'l ura ghaliex kien ghad hemm il-vet qed jiehu l-basket mill-wara tal-vann. Wara sar jaf illi dik li talbitu jressaq il-vann kienet omm Angelo Bilocca, l-istess wiehed li nizel ghal-kwerelant b'sikkina u li minghandu qala daqqa ta' ponn u daqqa fuq il-windscreen li tkisser bl-istess daqqa tal-manku tas-sikkina. Wara dan, Angelo Bilocca telaq minn fuq il-post, giet mara li identifikat ruha bhala omm Anglu u offrietlu jmur id-dar taghha halli thallsu tal-ispejjez. Minkejja dan l-kwerelant ghazel li jmur l-ghassa biex jaghmel rapport.

Il-kwerelant zied jghid li fuq il-post tfaccat persuna li identifikat ruhha bhala Silvio Buttigieg u ssugerixxa li ma jmur xejn l-ghassa u offra li jcempel lill-missier Anglu. Wara li tlett kwarti tfacca Kalcidon Bilocca, nizel mill-karozza b'hafna dagha u beda jgorr ghax in-nies joqghodu jipparkjaw hemmhekk. Il-kwerelant spjegali illi ma kienx ipparkjat hemm izda li kien fil-vann u l-imputat Kalcidon Bilocca neza l-qalziet. Silvio offra li jkellmu meta l-kwerelant esklama li dan kien ghar min ibnu. Ftit wara, Kalcidon Bilocca offriehl li jhallsu ta' nofs il-windscreen u malli fetah halqu biex jistaqsi ghaliex, tfacca Ivan Bilocca u skond il-kwerelant kissruh. Wara dan, Kacidon Bilocca wabad gebla izda Silvio zammu milli jitfahha fuq il-vann.
Il-kwerelant qal li mit-tlett imputati kien jaf biss lill-Kalcidon Bilocca minn wiccu. Huwa alega li sofra hsara

fil-windscreen tal-vann tat-tifel tiegh Shaun, valur Lm83 u Lm40 biex twahhal il-gdid, parti ohra valur Lm16, fin-nuccali valur Lm79 u gizirana tad-deheb valur Lm340 li ma sabhiex wara l-incident.

It-tabib Jonathan Mohnani xehed illi Joseph Axisa kien ezaminat minn fil-11 ta' Settembu u instab li kellu s-segwenti griehi lkoll klassifikati bhala hfief: Brix fuq iz-zewg ghajnejn; tbengil ta' 3 cm fuq l-ghajn tal-lemin; tbengil ta' 6cm fuq l-ghajn tax-xellug; barxa fuq ix-xellug fuq l-ghadma ta' l-imnieher; barxa fuq il-widna tal-lemin; tbengila nofs cirku fuq ix-xelug ta' l-ghonq; ughiegh fuq il-hames kustilja fuq in-nafa ta' quddiem. Xehedet ukoll Dr. Ethel Felice li ddikjarat illi l-kwerelant Joseph Axisa qed isofri minn stress disorder kawza tal-incident mertu tal-akkuza;

George Bonello xhud okulari qal illi huwa assista ghat-tieni parti tal-incident jew fi kliemu: "sakemm kien hemm l-ewwel konfuzzjoni ma kontx hemm". Dan qal illi meta mar fuq il-post ra lil Angelo Bilocca, habib tieghu, jibki ghax kienu qed imutulu xi annimali u ghalhekk haddnu mieghu. Ftit qabel kien fired lill-Angelo u ommu minn ma' Joseph Axisa u l-affari kwietat izda wara ftit rega sema l-ghajjatu ra ukoll lill Kalcidon Bilocca jiggieled ma' Joseph Axisa izda ftit wara ikkwalifika din il-glieda bhala "jirragunaw". Hu sema lill Bilocca joffri nofs l-ispejjez tal-windscreen izda meta ma qablux qbdu jaghtu meta tfacca Ivan Bilocca u beda jassistu lill-missieru fil-glieda u rah jaghti daqqa ta' ponn lil Axisa Angelo qal lil Bonello li kien iddipjacih li ghamillu hekk. Bonello qal ukoll li Angelo kien stqarr mieghu li Axisa kien pparkjalu quddiem ix-xatba u li kien iddispjacih li kien iggieled. Meta mistoqsi min ta l-ewwel daqqa, jekk kien Kalcidon Bilocca jew Jospeh Axisa, dan ix-xhud kien evaziv hafna.

Xhud iehor, Silvio Buttigieg, qal li kien prezenti ghall-ewwel inkontru bejn Angelo Bilocca u Joseph Axisa. Meta ra ukoll lil Angelo Bilocca ikisser il-windscreen tal-vettura misjuqa minn Joseph Axisa b'sikkina li kellu f'idu. Buttigieg or\ffra li jcempel lill-missier Angelo biex jirrangaw kollox. Meta wasal Kalcidon Bilocca fuq il-post regghet

bdiet glieda ohra meta Joseph Axisa irrimarkalu li tort tieghu qala zewg xebghat.

L-imputat Calcidonio Bilocca xehed illi kien ircieva telefonata biex imur id-dar ghaliex it-tifel tieghu ma setax jghaddi peres illi kellu t-triq ta' quddiem id-dar imblukkata. Malli wasal sab il-vettura tal-kwerelant bil-windscreen imkisser. Ra ukoll lit-tifel qed jipprova jghabbi l-majjali fuq il-vettura tieghu u malli tkellem mal-kwerelant biex joffrilu hlas ghal hsara li soffra, dan tal-ahhar fetah idejh u avvicina lill-imputat u hemm hemm beda argument. Malli l-kwerelant qallu li kien sejjer ghand il-Pulizija, l-imputat Calcidonio Bilocca, fi kliemu stess, imbottah biex jitlaq. Huwa cahad li daru it-tlieta ghalih izda t-tlieta kellhom inkontru mieghu individwalment;

Angelo Bilocca ikkonferma illi l-kwerelant kien ipparkjat b'mod li dan l-imputat ma setax jghaddi bit-truck tieghu mghobbi bil-majjali. L-kwerelant qallu li kien ser jersq izda sadanittant lahaq miet wiehed mil-majjali bix-xemx u beda jara lill-ohrajn jinfilgu bix-xemx. Malli nizel jistaqsieh jekk kienx ser isuq, l-kwerelant gholla t-tieq u ma tax kasu u ghalhekk kissirlu l-winsdscreen. Imbaghad saq u dan l-imputat telaq lejn il-biccerija. Huwa nnega li qatt gie fl-idejn mal-kwerelant u di piu' meta gie lura ma sab lill-hadd fuq il-post.

Ikkunsidrat :

Illi mix-xhieda prodotti jirrizulta manifest illi l-imputati jinnegaw mhux biss dak li allega l-kwerelant izda sahansitra dak li qalu xhieda okulari li kienu jafuhom. Dawn ix-xhieda ma kellhomx ideja min huwa l-kwerrelant izda il-Qorti hi tal-fehma li qalu l-verita. L-imputati ma ssubew ebda griehi meta l-kwerelant spicca mbengel u bil-windscreen imkisser. Dan il-windscreen kissru Angelo Bilocca semplicement ghaliex ikkonkluda li l-kwerelant ma riedx jersaqlu min-nofs. L-kwerelant spjega illi kien ghadu kemm wassal lil-vet Taljan u dan kien qed jistennieh jiehu l-basket tieghu minn wara. Huwa kien qieghed hemm ghaliex kien l-istess vet li talbu jwasslu hemm, altrimenti ma kellux ghalfejn ikun qieghed hemm.

Minn dak li semghet il-Qorti, ma hemm l-ebda raguni ghaliex ghandha tiddubita mill-verzjoni tal-kwerelant, msahha bid-deposizzjoni tax-xhieda okulari u tac-cirkostanzi kollha tal-kaz;

Ghal dawn il-mottivi issib lill-imputati hatja tal-akkuzi kif dedotti kontra taghhom.

Tiddeciedi billi:

Fil-konfront ta' Angelo Bilocca, wara li rat l-artikoli 221, 325, 338 (bb) u (dd), 339 (1)(d), 342 Kap 9 u 13 u 19 Kap 66, u wara li rat il-fedina penali tieghu, tikkundannah ghal-hlas ta' multa ta' Lm200 bl-applikazzjoni tal-artikolu 21 tal-Kap 9 stante li piena karcerarja mhix addatata f'dan il-kaz;

Fil-konfront ta' Ivan Bilocca, wara li rat l-artikoli artikoli 221, 325, 338 (bb) u (dd), 339 (1)(d), 342 Kap 9, u wara li rat il-fedina penali nadifa tieghu, tikkundannah ghal-hlas ta' multa ta' Lm100 bl-applikazzjoni tal-artikolu 21 tal-Kap 9 stante li piena karcerarja mhix addatata f'dan il-kaz;

Fil-konfront ta' Calcidonio Bilocca wara li rat l-artikoli artikoli 221, 325, 338 (bb) u (dd), 339 (1)(d), 342 u 209 Kap 9, bl-applikazzjoni tal-artikolu 21 tal-Kap 9 stante li piena karcerarja mhix addatata f'dan il-kaz, tikkundannah ghall-hlas ta' multa ta' Lm200.
Stante li ma hemm hemm ebda relazzjoni bejn il-partijiet u ma joqghodux fl-istess inhawi, tichad it-talba ghall-applikazzjoni tal-artikolu 383 tal-Kap 9.

**< Sentenza In Parte >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------